MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 11/2010

**Software Solutions Limited**

**Vs**

**Hayden Schembri u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2012 inhatru Dr Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bhala kuraturi tal-konvenut assenti**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Jannar 2010 l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u sitta u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€21,576.11), penali ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tkun dovut minnu kieku onora l-kuntratt ta' impjieg tieghu. L-attrici

ppremettiet li l-konvenut kien impjegat b'kuntratt ta' impjieg defenit ghall-perjodu mill-1 ta' Gunju 2008 sal-31 ta' Dicembru 20011, izda fil-31 ta' Dicembru 2009 irrizenja minghajr ebda raguni tajba.

Il-kuraturi wiegbu li m'humiex edotti mill-fatti (fol. 78).

Il-verzjoni li ta Simon Calleja Urry, direttur tal-kumpannija attrici, m'hijiex kontestata.

Jirrizulta li:-

- Il-konvenut kien impjegat bhala ADP Team Leader b'kuntratt defenit mill-1 ta' Gunju 2008 sal-31 ta' Dicembru 2011.
- B'ittra datata 10 ta' Dicembru 2009 iddikjara li kien ser jirrizenja mill-impjieg b'effett mill-31 ta' Dicembru 2009 (fol. 88)
- B'ittra datata 15 ta' Dicembru 2009, il-Malta Employers Association, ghan-nom tal-kumpannija attrici, baghatet tgharraf lil Schembri li kellu jhallas €21,576.11 peress li kien marbut b'kuntratt ta' impjieg definit li kien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2011. Fl-ittra jinghad *"May I refer you to contract of employment dated 2nd June 2008 and remind you that in accordance with Chapter 452 of the Laws of Malta the party terminating employment prior to the expiry of the employment contract has to pay to the other party half the salary of the unexpired period which in your case is……"* (**ara Artikolu 36(12) tal-Kap. 452**). Fl-ittra hemm il-kalkoli ta' dak li hu dovut mill-konvenut u li ma gewx kontestati u jidhru gustifikati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u sitta u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€21,576.11), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat u bl-ispejjez kontra l-konvenut. B'dan li d-dritt tal-kuraturi ghandu provizorjament jithallas mill-attrici**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------